A.L. 108 ta' l-1997

ORDINANZA DWAR IL-PROTEZZJONI TAL-PROPRJETÀ INDUSTRJALI (KAP. 29)

Regolamenti ta' l-1997 li jemendaw l-Iskedi ta' Drittijiet li jinsabu ma' l-Ordinanza dwar il-Protezzjoni tal-Proprjetà Industrjali

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 146 ta' l-Ordinanza dwar il-Protezzjoni tal-Proprjetà Industrjali, il-Ministru tal-Finanzi u Kummerċ għamel ir-regolamenti li ġejjin:–

1. Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1997 li jemendaw l-Iskedi ta' Drittijiet li jinsabu ma' l-Ordinanza dwar il-Protezzjoni tal-Proprjetà Industrjali, u għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda ma' l-Iskedi ta' Drittijiet li jinsabu ma' l-Ordinanza dwar il-Protezzjoni tal-Proprjetà Industrjali. Titolu.

2. L-Iskedi ta' Drittijiet li jinsabu ma' l-Ordinanza dwar il-Protezzjoni tal-Proprjetà Industrjali, għandhom jiġu emendati kif ġej:– Jemenda l-Iskedi ta' Drittijiet.

(a) fl-Iskeda "A" tagħhom, minflok il-partiti 1, 2 u 3 għandhom jidħlu dawn il-partiti li ġejjin:–

	Lm c m	Lm c m
"1. Fuq talba għal protezzjoni proviżorja	25.00,0	
2. Fuq preżentata ta' speċifikazzjoni kompluta	25.00,0	
jew		50.00,0
3. Fuq preżentata ta' speċifikazzjoni flimkien ma' l-ewwel talba ...		50.00,0";

(b) fl-Iskeda "B" tagħhom, minflok il-partiti 1, 2 u 3 għandhom jidħlu dawn il-partiti li ġejjin:—

	Lm c m
"1. Fuq talba għall-applikazzjonijiet għar-reġistrazzjoni ta' *trade mark* għal oġġett wieħed jew iżjed li jidħlu fi klassi waħda, li għalihom il-marka għandha tiġi reġistrata	50.00,0
2. **(imħassra)**	
3. Għar-reġistrazzjoni ta' serje ta' *trade marks*, għal kull talba addizzjonali wara l-ewwel talba, f'kull klassi	7.00,0"; u

(ċ) fl-Iskeda "Ċ" tagħhom, minflok il-partiti 1 u 2 għandhom jidħlu dawn il-partiti li ġejjin:—

	Lm c m
"1. Fuq talba għar-reġistrazzjoni ta' disinni jew mudelli ta' manifattura, għal kull disinn	20.00,0
2. **(imħassra)**	".